IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 14.11.2023
COM(2023) 703 final

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

dwar l-eżerċizzju tas-setgħa li tadotta atti delegati mogħtija lill-Kummissjoni skont id-Direttiva (UE) 2019/1024 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar id-*data* miftuħa u l-użu mill-ġdid tal-informazzjoni tas-settur pubbliku ("id-Direttiva dwar id-*Data* Miftuħa")

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

dwar l-eżerċizzju tas-setgħa li tadotta atti delegati mogħtija lill-Kummissjoni skont id-Direttiva (UE) 2019/1024 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar id-*data* miftuħa u l-użu mill-ġdid tal-informazzjoni tas-settur pubbliku ("id-Direttiva dwar id-*Data* Miftuħa")

1. INTRODUZZJONI

Id-Direttiva (UE) 2019/1024 dwar id-*data* miftuħa u l-użu mill-ġdid tal-informazzjoni tas-settur pubbliku[1] ġiet adottata fl-20 ta' Ġunju 2019 u daħlet fis-seħħ fis-16 ta' Lulju 2019.

Id-Direttiva (UE) 2019/1024 tistabbilixxi l-qafas legali għall-użu mill-ġdid tal-informazzjoni tas-settur pubbliku, bħall-informazzjoni ġeografika, tar-reġistru tal-artijiet, statistika jew legali, miżmuma mill-korpi tas-settur pubbliku jew minn ċerti impriżi pubbliċi, u tad-*data* tar-riċerka ffinanzjata pubblikament. Għandha l-għan li tixpruna l-potenzjal soċjoekonomiku tal-informazzjoni tas-settur pubbliku, pereżempju billi tagħmilha aktar disponibbli faċilment għan-negozji ġodda u l-intraprizi żgħar u medji, billi żżid il-provvista tad-*data* dinamika u settijiet tad-*data* b'impatt ekonomiku partikolarment qawwi, u billi tippromwovi l-kompetizzjoni u t-trasparenza fis-suq tal-informazzjoni. Hija waħda mill-miżuri mfassla biex jixprunaw l-ekonomija tad-*data* tal-UE, kif ukoll l-iżvilupp tal-intelliġenza artifiċjali.

Id-Direttiva (UE) 2019/1024 introduċiet il-kunċett ta' settijiet tad-*data* ta' valur għoli. Dawn huma definiti bħala dokumenti li l-użu mill-ġdid tagħhom hu assoċjat ma' benefiċċji importanti għas-soċjetà u l-ekonomija. Għalhekk huma soġġetti għal sett separat ta' regoli li jiżguraw li jkunu disponibbli mingħajr ħlas u b'formati li jinqraw mill-magni. L-Istati Membri jridu jagħmluhom disponibbli b'interfaċċi għall-ipprogrammar tal-applikazzjonijiet (APIs) u, meta rilevanti, għal tniżżil massiv. L-ambitu tematiku tas-settijiet tad-*data* ta' valur għoli jagħtih l-Anness I tad-Direttiva li jelenka sitt kategoriji tematiċi (il-ġeospazju, l-osservazzjoni tad-Dinja u l-ambjent, il-meteoroloġija, l-istatistika, il-kumpaniji u s-sjieda tal-kumpaniji, il-mobbiltà).

Id-Direttiva (UE) 2019/1024 tistabbilixxi setgħa waħda tal-Kummissjoni li tadotta atti delegati.

2. BAŻI ĠURIDIKA

L-Artikolu 13(2) tad-Direttiva (UE) 2019/1024 jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni li tadotta atti delegati biex temenda l-Anness I billi żżid kategoriji tematiċi ġodda ta' settijiet tad-*data* ta' valur għoli biex ikunu jirriflettu l-iżviluppi teknoloġiċi u tas-suq. Skont l-Artikolu 15(2) tad-Direttiva (UE) 2019/1024, id-delega tas-setgħa hija mogħtija lill-Kummissjoni għal ħames (5) snin mis-16 ta' Lulju 2019. Il-Kummissjoni trid tfassal rapport rigward id-delega tas-setgħa sa mhux aktar tard minn disa' (9) xhur qabel jintemm il-perjodu ta' ħames (5) snin. Id-delega tas-setgħa għandha tiġi estiża awtomatikament għal perjodi ta' żmien identiċi, għajr jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjonaw għal din l-estensjoni mhux aktar tard minn tliet (3) xhur qabel it-tmiem ta' kull perjodu.

[1] Id-Direttiva (UE) 2019/1024 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar id-*data* miftuħa u l-użu mill-ġdid tal-informazzjoni tas-settur pubbliku (ĠU L 172, 26.6.2019, p. 56-83).

3. EŻERĊITAR TAD-DELEGA

Skont l-Artikolu 13(2) tad-Direttiva (UE) 2019/1024, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 15 tad-Direttiva biex temenda l-Anness I tagħha billi żżid kategoriji tematiċi ġodda ta' settijiet tad-*data* ta' valur għoli li jkunu jirriflettu l-iżviluppi teknoloġiċi u tas-suq.

3.1. SETGĦAT EŻERĊITATI TUL IL-PERJODU TA' RAPPORTAR

S'issa l-Kummissjoni ma eżerċitatx is-setgħa mogħtija lilha mill-Artikolu 13(2) tad-Direttiva (UE) 2019/1024.

Is-sitt kategoriji inizjali previsti fl-Anness I tad-Direttiva (UE) 2019/1024 pprovdew ambitu tematiku biżżejjed biex titfassal l-ewwel lista ta' settijiet tad-*data* ta' valur għoli. Għalhekk, il-Kummissjoni għadha ma eżerċitatx is-setgħa delegata tagħha li temenda l-Anness I u żżid kategoriji tematiċi ġodda ta' settijiet tad-*data* ta' valur għoli. Il-Kummissjoni se tiddeċiedi dwar l-eżerċitar tas-setgħa delegata ladarba tiġbor evidenza dwar l-implimentazzjoni mill-Istati Membri tal-ewwel lista ta' settijiet tad-*data* ta' valur għoli. Bi tħejjija, il-Kummissjoni diġà kkummissjonat studju[2] biex jgħinha tagħraf kategoriji tematiċi ġodda possibbli.

KONKLUŻJONI

Il-Kummissjoni tara l-ħtieġa għal estensjoni taċita tad-delega tas-setgħa prevista fl-Artikolu 13(2) tad-Direttiva (UE) 2019/1024 għal perjodu ta' ħames (5) snin, f'konformità mal-Artikolu 15(2) tad-Direttiva. Dan għaliex jista' jkun hemm bżonn jiżdiedu kategoriji tematiċi ġodda ta' settijiet tad-*data* ta' valur għoli bbażati fuq l-għoti tas-setgħa mogħtija skont l-Artikolu 13(2) tad-Direttiva (UE) 2019/1024 fis-snin li ġejjin. Jibqa' partikolarment importanti li l-qafas legali jagħti l-flessibbiltà meħtieġa biex ikun tista' tiġi aġġustata skont l-aħħar żviluppi teknoloġiċi u tas-suq u biex il-Kummissjoni tkun tista' tkopri oqsma tematiċi ġodda tal-informazzjoni tas-settur pubbliku fil-futur.

B'dan ir-rapport, il-Kummissjoni tikkonforma mar-rekwiżiti tar-rappurtar stabbiliti fl-Artikolu 15(2) tad-Direttiva (UE) 2019/1024.

Il-Kummissjoni tistieden lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jieħdu nota ta' dan ir-rapport.

[2] Il-Kummissjoni Ewropea, id-Direttorat Ġenerali għan-Networks tal-Komunikazzjoni, il-Kontenut u t-Teknoloġija, Identifikazzjoni tat-temi tad-data għall-estensjonijiet tas-settijiet tad-*data* ta' valur għoli tas-settur pubbliku – Studju finali, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2023, https://data.europa.eu/doi/10.2759/739414.